MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Numru. 248/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**LAURENCE CARUANA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Laurence Caruana bin Joseph u Frances nee Caruana imwieled fl-4 ta’ Dicembru 1968 u residenti Blk E, Dr A, Flat 1, Triq Tac-Cawla, Rabat, Ghawdex (Karta ta’ l-Identita` Nru 32968 G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli nhar it-2 t’ April 2004 ghall-habta tas-6.00p.m. fl-inhawi ta’ l-Ghadira ta’ San Rafflu limiti Ta’ Kercem, Ghawdex, kien jikkaccja jew ipprova jikkaccja b’arma tan-nar numru EO3215/95 tal-marka Piero Beretta minghajr licenzja valida tal-pulizija (Art 205(2) tal-ligijiet

tal-pulizija) u b'hekk ma kellux polza ta' assigurazzjoni ghall-hsara lil terzi jew hsara fil-proprjeta` taghhom (L.N. 41/03 Skeda VI Art 1C);

Akkuzat ukoll talli fl-istess post u hin kellu fil-pussess jew kontroll tieghu l-imsemmija arma tan-nar barra minn fond jew post li ghamel mieghu, u dan minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija (Kap 66 Art 3 1a).

Il-Qorti, kienet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, barra l-piena stabbilita tordna l-konfiska ta' l-arma u munizzjon esebiti.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil PS 812 Saviour Spiteri;

Semghet l-ammisjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2004;

Fuq ammissjoni ta' l-imputat il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati;

Rat l-artikoli u cioe` l-artikoli 205 (2) tal-Kap 10, Avviz Legali 41/2003 Skeda VI Artikolu 1 c u artikolu 3 1a tal-Kap 66;

Fuq l-akkuzi misjuba hatja l-Qorti tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' sebghin lira Maltin (Lm70) komplessiva;

Oltre dan tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------